# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 14**

**Avviz numru 18/01/SM**

**Melbourne Garage Company Limited**

**vs**

**Benjamin sive Benny Zaffarese**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat d-9 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma kapitali ta' disgha mija u sebgha u sebghin lira u hamsa u hamsin centezmu (LM977.55,0) rapprezentanti l-prezz ta' xogholijiet ta' riparazzjoni ta' vettura u xoghol iehor relatat, liema xogholijiet saru fuq inkarigu**

**tieghu u jinsabu deskritti f'aktar dettal f'zewg fatturi li kopji taghhom huma annessi bhala dokumenti u mmarkati b'ittri "A" u "B";**

**2. Bl-ispejjez ta' l-prezenti, ta' l-ittra interpellatorja ta' l-4 ta' Settembru, 2000, ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru, 2000 (li kopja taghha flimkien ma r-riferta huma annessi bhala dokument immarkat bl-ittra "C") u ta' kull att gudizzjarju iehor prezentat mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' din il-kawza, kif ukoll bl-imghaxijiet mid-data indikata fuq il-fatturi u cioe' mis-6 ta' Lulju 1999 sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut bl-ingunzjoni in subizzjoni tieghu;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-29 ta' Marzu tas-sena 2001 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**Illi l-hlas mertu tal-kawza odjerna m'ghandux isir mill-konvenut izda mis-socjeta' assigurattrici jew mill-Omnibus Pool, stante li l-incident stradali de quo ma kienx responsabbli ghalih l-istess konvenut;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentant legali tas-socjeta' attrici;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi wara li l-konvenut kellu incident awtomobilistiku huwa ha l-vettura tieghu tal-marka Peugeot 106 bin-numru ta' registrazzjoni GAC-242 biex tigi msewwija ghand is-socjeta' attrici;**

**2. Illi meta l-imsemmija vettura kienet fil-pussess tas-socjeta' attrici gie jezaminha 'surveyor' u r-rapport tieghu jifforma parti mill-atti ta' din il-procedura;**

3. **Illi l-konvenut ta struzzjonijiet lis-socjeta' attrici biex tirranga l-vettura in dizamina u t-tiswija kkoncernata saret a bazi ta' "survey" regolarment ezegwit u ikkonfermat;**

4. **Illi l-konvenut ghadu ma hallasx l-ammont ta' disa' mija, seba' u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu, (LM977.55,0), dovuti lis-socjeta' attrici ghal dan ix-xoghol;**

5. **Illi l-ammont meritu ta' din il-kawza hu dak pretiz mis-socjeta' attrici;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta mis-suespost li l-uniku relazzjoni legali li tezisti hi dik naxxenti mill-ordni li l-konvenut ta' lis-socjeta' attrici biex issewwilu l-vettura de quo;**

**Illi x-xogholijiet necessarji gew effettwati u l-vettura giet ripreza mill-konvenut;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' l-ammont ta' disa' mija u seba' u sebghin Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu, (LM977.55,0), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mill-ittra ufficcjali tat-12 ta' Settembru, 2000.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**